Qorti tal-Appell

(Sede Inferjuri)

Onor. Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 6/2016

**Raymond Apap**

**vs**

**Victor Galea [654057M] ezercenti l-kummerc bhala Tiles & Marble Centre**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2017.

B'rikors li pprezenta fis-27 ta' Mejju 2016 il-konvenut talab lil din il-qorti sabiex thassar u tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur tal-5 ta' Mejju, 2016, u filwaqt li tiddikjara li l-appellat sofra ksur tad-dritt naturali tal-principju tal-*audi alteram partem,* tawtorizzah iressaq provi kontra l-pretensjoni tal-appellat jew tibghat l-atti lura quddiem it-Tribunal sabiex jisma' l-provi tieghu u wara jaghti decizjoni.

Permezz ta' twegiba prezentata fl-10 ta' Awissu 2016 (fol. 11) l-attur wiegeb illi d-decizjoni hi gusta u timmerita konferma.

Il-qorti qrat l-atti.

**<u>FATTI FIL-QOSOR.</u>**

1. Il-kawza titratta dwar xoghol ta' irham li sar mill-konvenut. L-attur jallega li x-xoghol fih diversi nuqqasijiet li jinkludu qisien hziena, *"overcharging", "grouting"* ohxon u tbajja fuq il-madum. L-attur talab il-hlas ta' elf u mitt ewro (€1,100).

2. Originarjament il-konvenut imharrek Tiles & Marble Centre (Clifton Galea).

3. It-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi appunta l-kawza ghas-smiegh ghas-seduta tal-10 ta' Marzu, 2016. Sussegwentement jirrizulta li fit-22 ta' Jannar, 2016 inghatat data gdida ghas-smiegh, li kienet is-17 ta' Marzu, 2016.

4. Fil-21 ta' Jannar, 2016 Clifton Galea kien notifikat bl-avviz tat-talba u l-avviz tas-smiegh. Fis-26 ta' Jannar, 2016 Clifton Galea kienet notifikat bid-data l-gdida tas-smiegh, izda ma wegibx ghat-talba.

5. Dakinhar tas-seduta fid-9.21 am, id-difensur baghat email l-ufficcju tat-Tribunal fejn gharrafhom li ma kienx ser ikun possibbli ghalih li jattendi ghall-kawzi ta' Clifton u Victor Galea, peress li kellu access urgenti f'kawza civili.

6. Fis-seduta tas-17 ta' Marzu, 2016 it-Tribunal ordna korrezzjoni fis-sens li isem il-konvenut ikun Victor Galea. Ordna wkoll li, *"…. l-avviz tas-seduta li jmiss kif ukoll it-talba jigu notifikati lill-imsemmi Victor Galea"*. Il-kawza thalliet ghas-seduta tal-14 ta' April, 2016 ghan-notifika ta' Victor Galea. Jirrizulta li fl-24 ta' Marzu, 2016 saret notifika lill-konvenut Victor Galea.

7. Victor Galea m'attendiex ghas-seduta tal-14 ta' April, 2016 u lanqas ma pprezenta twegiba. Dakinhar xehed l-attur u l-kawza kienet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-5 ta' Mejju, 2016 sabiex tinghata s-sentenza.

8. Fil-5 ta' Mejju, 2016 inghatat is-sentenza. It-Tribunal qal:-

   *"Illi jinghad mal-ewwel li Victor Galea ezercenti l-kummerc bhala Tiles & Marble Centre naqas milli jwiegeb ghat-talba rikorrenti u lanqas deher ghas-seduta li saret;*

   *Illi t-Tribunal ghandu quddiemu verzjoni wahda u cioe dik rikorrenti li ma gietx kontradetta bl-ebda mod mill-intimat;*

   *Illi n-nuqqas ta' dehra tal-intimat ma tfissirx li dan it-Tribunal m'ghandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu gustifikat;*

*Illi r-rikorrenti spjega kif wasal ghat-talba mitlub u pprezenta kopji tal-ircevuti u dokumentazzjoni relattiva;*

*Illi min-naha l-ohra l-intimat ma deherx biex jitfa' dawl fuq din it-talba u lanqas biex jaghti l-verzjoni tieghu;*

*Ghaldaqstant, ghar-raguniijet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba ta' Raymond Apap u jordna lil Victor Galea ezercenti l-kummerc bhala Tiles & Marble Centre ihallas lil Raymond Apap is-somma mitluba ta' €1,100, bl-imghax minn Awissu 2015 sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu unikament mill-intimat Victor Galea ezercenti l-kummerc bhala Tiles & Marble Centre".*

9. Mill-atti ma jirrizultax li bejn l-14 ta' April, 2016 sal-5 ta' Mejju, 2016 il-konvenut talab lit-Tribunal sabiex jissospendi l-ghoti tas-sentenza.

**Aggravju.**

L-aggravju tal-konvenut hu li f'dan il-kaz kien hemm ksur tal-principju *audi alteram partem* billi ma nghatax l-opportunita li jiddefendi ruhu u jressaq provi.

**Konsiderazzjoni.**

Peress li l-ammont tat-talba hu €1,100, appell jista' jsir biss (artikolu 22(2) tal-Kap. 378):

a. Fuq kull haga li ghandha x'taqsam mal-gurisdizzjoni tat-Tribunal;
b. Kull kwistjoni ta' preskrizzjoni;
c. ***"meta t-tribunal ikun mar kontra l-principju tal-gustizzja naturali u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' min jappella"***.

L-appellant jilmenta minn ksur tal-principju *"audi alteram partem."* Bhala stat ta' fatt il-konvenut appellant ma pprezentax risposta ghat-talba attrici u lanqas ma kien prezenti ghas-seduta tal-14 ta' April, 2016 li fiha xehed l-attur. Il-konvenut appellant jipprova jiggustifika ruhu billi jsostni:

*"v. Illi l-kaz odjern gie appuntat ghas-smiegh ghas-seduta tal-14 ta' April 2016 ghall-provi, f'liema udjenza l-appellant kien ser iressaq ir-risposta tieghu u jgib il-provi kollha sabiex jirribatti l-pretensjonijiet tal-appellat;*

*vi. Illi fl-istess gurnata, l-appellant kellu kaz iehor fl-ismijiet "Myriam Pace vs Victor Galea ezercenti l-kummerc bhala Tiles & Marble" li kellhom jinstemghu wara xulxin.*

*vii. Illi madanakollu dakinhar li kellhom jinstemghu dawn iz-zewg kazijiet, il-konsulent tal-appellat sottofirmat kien indispost u ghalhekk huwa stess cempel lir-registru tat-Tribunal filghodu sabiex jinforma lit-Tribunal illi dovut ghall-indisposizzjoni tieghu, kien ser jitlob differiment. Huwa gie infurmat illi peress li kien wasal il-jum tas-smiegh innifsu, l-Arbitru kien ser jisma' l-provi tar-rikorrent, jirrizerva l-kontro-ezami u jiddifferixxi l-kazijiet ghall-provi tal-intimat.*

*viii. Illi jumejn wara s-seduta, l-istess konsulent legali sottofirmat cempel lir-registru tat-Tribunal sabiex jinghata d-data tad-differiment u gie infurmat illi l-kazijiet gew differiti ghas-26 ta' Mejju 2016 fis-2pm u fis-2.30pm;*

*ix. Illi b'sorpriza lampanti, fis-7 ta' Mejju 2016, l-appellant gie notifikat bis-sentenza sudetta li kienet inghatat fil-5 ta' Mejju 2016;"*

L-ilment tal-attur hu bazat fuq paragrafu (c).

Dak li ddikjara l-konvenut fir-rikors tal-appell huma biss allegazzjonijiet u li dwarhom ma ressaq l-ebda provi. Fir-rikors tal-appell lanqas biss ma gew identifikati l-persuni li suppost tkellem maghhom l-avukat li kien qieghed jassistih. Dan apparti li fir-rigward tal-ewwel seduta (17.3.2016), id-difensur tal-konvenut kien baghat email li biha gharraf lit-Tribunal li ma kienx possibbli ghalih li jattendi s-seduta minhabba li kellu xoghol iehor. Min-naha l-ohra dwar is-seduta tal-14 ta' April, 2016 ma jirrizultax li ntbaghatet email. Sahansitra fil-verbal tal-14 ta' April, 2016 lanqas ma gie verbalizzat li d-difensur tal-konvenut kien cempel u gharraf lill-amministrazzjoni li ma kienx ser jattendi ghaliex indispost. Min-naha l-ohra fil-verbal tas-seduta tas-17 ta' Marzu, 2016 kien gie verbalizzat li d-difensur tal-konvenut ma setax jattendi ghal dik is-seduta minhabba xoghol tal-qorti. Mehud in konsiderazzjoni dawn ic-cirkostanzi, hu ferm suspettuz dak li qieghed isostni l-appellant fir-rikors tal-appell.

Il-qorti zzid li jekk ghall-grazzja tal-argument id-difensur tal-konvenut kien indispost fl-14 ta' April, 2016 u kkomunika mal-amministrazzjoni tat-Tribunal u gie nfurmat li t-Tribunal xorta kien ser jisma' l-provi, is-serjeta kienet titlob li ghal

dik is-seduta jattendi l-konvenut biex isegwi x'kien qieghed jigri fil-process. Kieku attenda kien ikun infurmat bid-data tas-smiegh li jmiss. Jekk ukoll kif qal il-konvenut dakinhar kien behsiebu jipprezenta t-twegiba ghat-talba tal-attur, iktar u iktar is-serjeta kienet titlob li l-konvenut imur ghas-seduta. F'kull kaz twegiba ghat-talba ghandha tigi prezentata fi zmien tmintax-il jum min-notifika (regolament 4.1 tal-Ligi Sussidjarja 378.01). Fil-kaz in ezami l-konvenut kien notifikat fl-24 ta' Marzu, 2016 u ghalhekk it-twegiba kellha tigi pprezentata mhux iktar tard mill-11 ta' April, 2016. Ghalhekk f'dan ir-rigward jirrizulta wkoll li l-konvenut kien ser jipprezenta t-twegiba *fuori termine*, li jkompli juri element ta' negligenza f'min ighid li kien behsiebu jikkontesta l-kawza.

Il-qorti tosserva wkoll li skont l-artikolu 22 tal-Kap. 378, minn decizjoni tat-Tribunal appell jista' jsir fi zmien **ghoxrin (20) jum mid-data tad-decizjoni**. F'dan il-kaz id-decizjoni nghatat fil-5 ta' Mejju, 2016 u fis-27 ta' Mejju, 2016 il-konvenut ipprezenta l-appell, meta suppost ipprezentah mhux sal-25 ta' Mejju, 2016. Mill-atti jirrizulta wkoll li kopja tas-sentenza kienet notifikata lil Victor Galea fis-7 ta' Mejju, 2016. Ghal din ir-raguni wkoll l-appell tal-konvenut ma jistax jirnexxi.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.